12 ta' Novembru, 1947

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Mary Spiteri pr. et ne.

*versus*

Avv. Dr. Carmelo Agius et. ne.

**Ġurisdizzjoni — Domiċilju — Art. 743 (a) u (g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Min jitlaq minn dawn il-Gżejjer u jagħżel domiċilju ieħor, mingħajr ma jħalli xejn li juri li sejjer jirritorna hawn Malta, u lanqas ikollu hawn Malta beni li fuqhom is-sentenza tista' tiġi eżegwita, ma jibqax suġġett għall-ġurisdizzjoni tal-Qrati Tagħna.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni ta' l-attriċi proprio et nomine, li wara li ppremettiet li jiġu premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni, peress li b'sentenza tas-26 ta' April 1947 ġiet pronunzjata minn dina l-Onorabbli Qorti s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dan illi kellhom jgħoddu, kemm għall-attriċi u kemm għall-konvenut, id-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 56 u 57 tal-Kodiċi Ċivili, barra mid-dispożizzjoni ta' l-artikolu 56 (1) (d), li ma kellux jgħodd għall-kontendenti; u peress li l-attriċi tinsab f'neċessitajiet kbar minħabba l-fatt li l-konvenut qatt ma ħattex li jibgħat xi ħaġa lilha jew lil uliedhom; u peress li żewġha jaħdem u għandu l-mezzi biex ikun jista' jżommha u lil uliedha; talbet li l-konvenuti jiġu kundannati minn dina l-Onorabbli Qorti li jissomministraw lill-attriċi, għaliha u għal uliedha, pensjoni alimentarja fir-rata, mod, żmien u lok, li jogħġobha tistabbilixxi dina l-Onorabbli Qorti. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Mill-provi ta' l-attriċi jirriżulta li żewġha jinsab imsiefer u li hija taħseb li sejjer jibqa' Detroit, l-Amerika, fejn mar joqgħod u qiegħed jaħdem. Jirriżulta wkoll li huwa ma għandux ebda proprjetà jew flus f'dawn il-Gżejjer;

Illi milli jidher, il-konvenut, rappreżentat mill-kuraturi, għażel domiċilju ieħor; il-għaliex ilu li telaq xi sena u stabbilixxa ruħu Detroit, l-Amerika, fejn qiegħed jaħdem, minn fejn ma jikkomunika qatt ma' martu, u fejn martu stess taħseb li sejjer jibqa', bla ma ħalla xejn hawn li juri li sejjer jir-

ritorna; anzi mill-ġlied ma' martu donnu jidher li mhux bi-ħsiebu jerġa' lura. M'hemmx bżonn jingħad li dan huwa dak li jissejjaħ mill-awturi "a domicile of choice", u li skond "The restatement rules for ascertaining domicile". "when there is the fact of physical presence with the intention to make the dwelling place a home, at the moment the change of domicile takes place" (ara Kuhn, "Comparative Commentaries on Private International Law or Conflict of Laws", New York, The Macmillan Company, 1937, page 69);

Illi kwindi, skond l-art. 743 (a) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, mhux kolpit. Lanqas ma jista' jingħad li l-konvenut jidħol taħt l-ipotesi ta' l-art. 734 (g) ta' l-istess Kodiċi, il-għaliex l-attriċi ddikjarat bil-ġurament li l-konvenut ma għandux proprjetà li fuqha s-sentenza tista' tiġi eżegwita;

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-kuraturi għandha tiġi milqugħa;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiddikjara li din il-kawża mhix ta' ġurisdizzjoni tal-Qrati ta' dawn il-Gżejjer, u konsegwentement tillibera lill-konvenuti. Bl-ispejjeż kontra l-attriċi.